MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru. 23/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Joseph Attard**

**Charlene Cutajar**

**Kumpilazzjoni Numru: 23/2015**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuzat kontra l-imsemmija

**Joseph Attard**, iben Anthony Attard u Rita nee' Mallia, imwieled Pieta', nhar is-26 ta' Lulju, 1986 u residenti fil-fond Blo Fields, Flat 2, Triq ta' Gidwet, Marsaskala u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 334386 (M); u

**Charlene Cutajar**, bint Lawrence u Cristina Angela nee' Abdilla, imwielda Pieta', nhar it-22 ta' April, 1995 u residenti gewwa l-fond Blo Fields, Flat 2, Triq ta' Gidwet, Marsaskala u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 181495 (M).

Akkuzati talli nhar id-9 ta' Dicembru, 2014 u fil-granet precedenti f'dawn il-Gzejjer:

1. Talli ikkommettew serq ta' handbag ta' lewn iswed bi flus kontanti u diversi oggetti ohra u mobile phone ta' l-ghamla 'I Phone 4' liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur li jeccedi €232.94 izda mhux aktar minn €2, 329.37 ghad-detriment ta' Nathalie Geraldine Brydon u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli xjentement laqghu ghandhom hwejjeg jew xtraw hwejjeg misruqa, mehdua b'qerq jew akkwistati sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U kif ukoll talli malli saru jafu li l-handbag u l-mobile phone tal-ghamla 'I phone 4' li kienu fil-pussess taghhom kienu oggetti misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, naqsu li jgharrfu lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta saru jafu u dan bi ksur tal-Artikolu 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli meta gew fil-pussess taghhom dokument ta' l-identita' mahruga lil Nathalie Geraldine Brydon ma' kkonsenjawhom minnufih jew

bghatuhom lid-detentura jew lill-ufficjal awtorizzat u dan bi ksur tal-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi tratta bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputati ammettew t-tielet u r-raba imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat li l-ufficjal prosekutur irtira l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-prosekuzzjoni irtirat l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet; il-procediment fir-rigward taghhom huwa ghalhekk ezawriet.

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentemt pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati  minn-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni

taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedna penali netta taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward ta'l-ewwel u t-tieni imputazzonijiet, wara li rat l-artikolu 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tat-tielet u r-raba imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------